ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 40/15**
***Kienet addottata Aġenda nru. 33/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 2 ta' Marzu 2015**

**Ħin: Fit-3.00 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

L-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Daphne Caruana kienet assenti.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

Is-Segretarja Eżekuttiva ġabet għall-attenzjoni tal-kamra l-budget li għandu l-Kunsill fuq il-proġetti tal-pjazza u ta' Triq Skapuċċina. Hija qalet li ser ikun hemm bżonn li jinstab sors ieħor ta' finanzjament jew alternattiva oħra, isiru aġġustamenti għall-budget tal-Kunsill għas-sena 2015. Qalet ukoll li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li ż-żmien li l-offerti nżammu fis-suq kien anqas minn dak rekwiżit.

**<u>XOGĦOL TA' TISBIĦ FI PJAZZA L-ASSUNTA U BINI TA' MAĦŻEN U POST TAL-LOGĦOB FI TRIQ SKAPUĊĊINA</u>**

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat:

(i) iċ-ċedola tal-offerti mitfugħa għal kuntratt ta' xogħol ta' tisbiħ fi Pjazza l-Assunta u bini ta' maħżen u post tal-logħob fi Triq Skapuċċina.
(ii) ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti.
(iii) il-minuti tal-laqgħat tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti.
(iv) ittra ta' kjarifikazzjoni bi tweġiba mibgħuta mill-Bord lil CRC JV.

Il-Kunsill iddeċieda li jiftaħ negozjati mal-irħas *compliant bidder.* Ġie deċiż li tinżamm laqgħa mal-irħas *bidder* fil-preżenza tal-Perit u l-Avukat tal-Kunsill.

Dwar il-ħlasijiet tal-Perit, is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet talbet *ruling* dwar dan lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**XOGĦOL TA' ELETTRIKU FI PJAZZA L-ASSUNTA U POST TAL-LOGĦOB FI TRIQ SKAPUĊĊINA**

Dan l-*item* ma kienx diskuss.

## 3. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fil-4.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għal-Ġimgħa 13 ta' Marzu 2015 fil-11.00 ta' filgħodu.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva